PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2009/0803(CNS)

10.3.2009

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb li tadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni fil-Qasam Doganali
(17483/2008 COR 1 – C6-0037/2009 – 2009/0803(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Alexander Alvaro

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb li tadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni fil-Qasam Doganali

(17483/2008 COR 1 – C6-0037/2009 – 2009/0803(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża (17483/2008 – 17483/2008 COR 1),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 30(1)(a) u 34(2)(c), tat-Trattat tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat tal-UE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0037/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51 u 41 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2009),

1. Jiċħad l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża;

2. Jistieden lir-Repubblika Franċiża biex tirtira l-inizjattiva tagħha;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Istati Membri ressqu l-"Inizjattiva tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb tal-addozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konvenzjoni dwar l-Użu tat-Teknoloġija tal-Informatika fil-Qasam Doganali" quddiem il-Parlament Ewropew għall-konsultazzjoni**.** Ir-rapporteur tal-Parlament Ewropew jirrakkomanda li l-inizjattiva tiġi miċħuda fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin.

Fil-priċipju, ir-rapporteur jifhem l-isforzi li qegħdin isiru mill-Istati Membri biex tiġi stabbilita sistema effettiva għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' kull tip. Madankollu, fl-istess ħin huwa jiddispjaċih li l-Istati Membri qed ikollhom jiddeċiedu, b'mod obbligatorju, dwar miżuri għal dan l-iskop qabel ir-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona. B'dan il-mod tingħata l-impressjoni li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jrid iwassal biex jittieħdu deliberatament deċiżjonijiet fundamentali, qabel ma l-Parlament Ewropew jibda jagħmel użu mill-proċedura ta' kodeċiżjoni.

B'mod partikolari, dan japplika l-iktar għall-inizjattiva preżenti, ladarba r-rapporteur huwa tal-opinjoni li t-titolu tal-inizjattiva qiegħed jaħbi l-kontenut reali tagħha. Il-kontenut attwali pjuttost jiġġustifika s-suppożizzjoni li xi Stati Membri qegħdin jippruvaw iħejju sistema li hija simili u analoga għas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen u għas-sistema ta' informazzjoni ta' viżi għaz-zona doganali.

Ir-rapporteur jistenna li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jinkludi d-dikjarazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-dejta u l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, ir-rapporteur jassumi li l-Kunsill huwa konxju mill-fatt li f'każ ta' inizjattivi bħal dik attwali, it-tnejn li huma għandhom jintalbu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Fil-proċess attwali jidher li ż-żewġ partijiet ma ġewx inklużi f'dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet, ħlief meta r-rapporteur talab l-opinjoni tat-tnejn li huma għall-inizjattiva preżenti.

B'mod aktar speċifiku, fl-opinjoni tar-rapporteur, hemm nuqqas ta' kjarifiki dwar dan li ġej

- l-inklużjoni tad-dejta,
- il-validità tar-regolamenti tad-deċiżjoni qafas adottata, dwar il-protezzjoni tad-dejta
- id-dover tal-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni,
- dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea għall-aċċess għall-informazzjoni,
- l-użu usa' ta' dejta rreġistrata fil-qafas internazzjonali,
- il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-atturi l-oħra,
- l-introduzzjoni ta' Regolament dwar l-obbligu li tingħata informazzjoni f'każ li tintilef dejta personali
- il-limitazzjoni għal skop speċifiku ċara tal-ġbir u l-użu tad-dejta, b'ħarsa lejn il-possibilitajiet ta' aċċess maħsuba mill-Europol u l-Eurojust
- kif ukoll mezz neċessarju biex issir reviżjoni tad-deċiżjoni.

.

Għaldaqstant, skont ir-rapporteur, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jiddefinixxi b'mod ċar min hu inkluż fil-qasam ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni qafas, u rispettivament sa fejn l-individwu huwa influwenzat mid-deċiżjoni qafas.

Fl-istess ħin, mir-Regolamenti tad-deċiżjoni qafas għandu jirriżulta mingħajr dubju ta' xejn liema huma dawk il-każijiet li jistgħu jwasslu għal aċċess ta' dejta. F'dan ir-rigward, għandna niċċaraw li l-ksur tar-regoli statutorji nazzjonali waħdu mhuwiex biżżejjed, pjuttost dan kollu għandu jirrigwarda l-ksur serju tar-regoli statutorji nazzjonali.

Ladarba dan kollu jirrigwarda dejta personali u għaldaqstant sensittiva tal-persuna kkonċernata, għandu jiġi garantit li staff kwalifikat u mħarreġ biss ikollu aċċess għas-sistema ta' informazzjoni doganali. F'dan ir-rigward wieħed għandu jqis li r-referenza għall-użu minn "assistenti" mhix biżżejjed għat-trasparenza u d-determinazzjoni obbligatorja tal-utenti u turi, għaldaqstant, raġuni oħra għaċ-caħda.

Ir-referenza għall-użu possibbli tad-dejta għal "finijiet oħra" ma jikkorrispondi fl-ebda mod mal-prinċipju ta' limitazzjoni għal skop speċifiku tal-akkwist tad-dejta u tmur kontra l-opinjoni rappreżentata b'mod regolari sal-lum mill-Parlament Ewropew, li tgħid li l-prinċipji tad-dritt għall-protezzjoni tad-dejta għandhom ikunu validi b'mod ġenerali u għandhom ikunu riflessi b'mod orizzontali. Għal raġunijiet simili, b'mod partikolari n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-interessi taċ-ċittadini Ewropej, f'dan il-każ b'ħarsa lejn ir-rekwiżiti għall-informazzjoni u kanċellazzjoni, ir-rapporteur jirrakkomanda urġentement sabiex id-dejta li tinġabar fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva għal deċiżjoni ma tkunx disponibbli għall-pajjiżi terzi.

Għal ċerti raġunijiet li jqisu l-prinċipji tal-ekonomija tad-dejta u tal-prevenzjoni tad-dejta, ir-rapporteur jikkritika d-dupplikazzjoni tad-dejta kif ukoll in-nuqqas ta' regolamenti dwar it-tneħħija ta' dejta, kif ukoll il-perjodu, li jidher li huwa pjuttost twil, għalkemm għandha tinżamm id-dejta. Fl-istess ħin hemm nuqqas ta' regolamenti li jiggarantixxu l-integrità fiżika tad-dejta miġbura kif ukoll nuqqas ta' regolamenti li jintegraw mekkaniżmu li jiggarantixxi notifika għall-persuni kkonċernati f'każ ta' nuqqas jew serq ta' dejta jew periklu komparabbli, għad-dejta personali tagħhom.

Barra minn hekk huwa indispensabbli li d-deċiżjoni preżenti, u l-miżuri li jittieħdu min-naħa tal-Istati Membri b'riżultat tagħha, jiġu sottomessi b'mod regolari għal evalwazzjoni. Fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni ta' dawn l-evalwazzjonijiet, ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li l-integrazzjoni tal-awtoritajiet responsabbli mill-protezzjoni tad-dejta Ewropea hija essenzjali sabiex tiggarantixxi kontroll indipendenti tal-miżuri legali relevanti relatati mal-protezzjoni tad-dejta u sabiex isservi ta' komunikazzjoni. Dan kollu ma jirriżultax mill-inizjattiva preżenti.

Ir-rapporteur jista' jifhem ir-raġuni wara din l-inizjattiva tal-Istati Membri. Madankollu għandna niżguraw li l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ma jitwarrbux, u li ma jinħolqux theddidiet oħra għall-integrità tagħhom. Kif semmejna hawn fuq, ir-rapporteur jiddispjaċih li miżuri bħal dawn qegħdin jiġu introdotti fi żmien qasir qabel ma jiġi ratifikat it-Trattat ta' Liżbona. Speċjalment b'miżuri ta' dan it-tip, li għandhom tifsira komparabbli mas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen u s-sistema ta' informazzjoni tal-viżi msemmija hawn fuq, kien ikun meħtieġ, fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni ta' koperazzjoni leali u b'kunsiderazzjoni tat-tifsira tal-Parlament Ewropew, li jiġi permess li jkun hemm integrazzjoni mal-Parlament Ewropew, li tmur lil hinn minn sempliċi konsultazzjoni.
Barra minn hekk, hemm dubju dwar il-fatt jekk il-bażi legali intgħażlitx b'mod adegwat, peress li l-miżuri kkonċernati jistgħu jirreferu għal kwistjonijiet essenzjalment marbuta mas-

suq intern kif ukoll mal-koperazzjoni mal-ġustizzja u mal-pulizija.

B'kunsiderazzjoni tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li l-inizjattiva attwali għandha tiġi miċħuda.